# Solennitajiet tal-Mulej fiż-Żmien ta' Matul is-Sena

**Il-Ħadd wara Għid il-Ħamsin**

# It-Trinità Qaddisa

**Solennità**

## Qari I

*Il-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn.*

Eż 34, 4b-6.8-9

**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [4]Mosè qam filgħodu kmieni, u tala' fuq il-muntanja
tas-Sinaj, kif kien ordnalu l-Mulej, u ħa f'idejh iż-żewġ twavel
tal-ġebel.

[5]Imbagħad il-Mulej niżel fi sħaba u waqaf hemm maġenbu; u xandar
l-isem tal-Mulej. [6]U l-Mulej għadda minn quddiemu u għajjat:
«Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir
fit-tjieba u fil-fedeltà.»

[8]Mosè minnufih inxteħet għal wiċċu fl-art, ta qima u qal: [9]«Jekk jien
tassew sibt ħniena quddiemek, Sidi, ħa jiġi Sidi ġo nofsna, nitolbok;
għax dan hu poplu rasu iebsa. Aħfrilna ħżunitna u ħtijietna, u ħudna
b'wirt għalik.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Dan 3, 52.53.54.55.56

R/. (52b): Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem

52 Imbierek int, Mulej, Alla ta' missirijietna. R/.

Imbierek ismek, qaddis u msebbaħ. R/.

53 Imbierek int fit-tempju tas-sebħ imqaddes tiegħek. R/.

54 Imbierek int li qiegħed fuq il-kerubini, li ħarstek tinfed l-abbissi. R/.

55 Imbierek int fuq it-tron ta' saltnatek. R/.

56 Imbierek int fil-wisa' kollu tas-sema. R/.

## Qari II

*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla, u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu.*

2 Kor 13, 11-13

**Għeluq tat-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

11 Ħuti, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidilkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla ta' l-imħabba u s-sliem ikun magħkom.

12 Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa. Il-qaddisin kollha jsellmulkom.

13 Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Apok 1, 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lil Alla li hu, u li kien, u li għad irid jiġi.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.***

Ġw 3, 16-18

✠ **Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil Nikodemu: [16]«Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.

[17]Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

[18]Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

Il-Ħadd wara s-solennità tat-Trinità Qaddisa

# Il-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu

**Solennità**

## Qari I

*Temgħek il-manna li la int u lanqas missirijietek ma kontu tafu biha.*

Dewt 8, 2-3.14b-16a

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

F'dak iż-żmien, Mosè kellem lill-poplu u qal: [2]«Ftakar fil-mixja kollha
li mexxiek il-Mulej, Alla tiegħek, matul dawn l-erbgħin sena
fid-deżert, biex iċekknek u jġarrbek, ħalli jkun jaf x'għandek f'qalbek,
jekk tridx toqgħod għall-kmandamenti tiegħu jew le.

[3]Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna,
li la int u lanqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li
mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn
fomm il-Mulej, b'dan jgħix il-bniedem.

[14]Qis li ma titkabbarx qalbek u tinsa l-Mulej, Alla tiegħek, li ħarġek
mill-art ta' l-Eġittu, mill-art tal-jasar. [15]Hu li mexxiek fid-deżert kbir u
jwaħħax, mimli sriep velenużi u skorpjuni, art niexfa bla ilma xejn, li
ħariġlek l-ilma mill-blata taż-żnied, [16]li temgħek il-manna fid-deżert,
li missirijietek ma kienu jafu biha xejn.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 146 (147), 12-13.14-15.19-20

R/. (12a): Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej

12Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej;
faħħar lil Alla tiegħek, Sijon!
13Hu jsaħħaħ l-istaneg tal-bibien tiegħek,
u jbierek ġewwa fik lil uliedek. R/.

14Hu jqiegħed fis-sliem it-trufijiet ta' artek,
u lilek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.
15Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu;
bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu. R/.

19Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb,
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.
20Ma għamel hekk ma' ebda poplu;
lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu. R/.

# Qari II

*La l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed.*

1 Kor 10, 16-17

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, 16il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda
mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda
mal-ġisem ta' Kristu? 17Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna,
aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża
waħda.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Sekwenza

*Is-sekwenza tista' ma tingħadx. Tista' wkoll tingħad fil-forma l-qasira li tibda: Dan ħobż l-Anġli, magħmul ikel.*

Faħħar, Sijon, lill-Feddej,
ir-ragħaj tiegħek u l-mexxej,
bl-innijiet u bl-għana.

Ibqa' faħħru daqs kemm tista',
għax Hu 'l fuq minn kull tifħir,
qatt ma tfaħħru kemm jistħoqqlu.

Għat-tifħir ħaġa tal-għaġeb,
il-ħobż ħaj li jagħti l-ħajja,
hawn quddiemna f'dan il-jum.

Dak il-ħobż li fuq il-mejda,
lill-appostli fl-ikla mqaddsa,
kien ingħata biex jikluh.

Ikun sħiħ it-tifħir tiegħek,
b'qalb ferrieħa, b'leħen għoli,
ikun jixraq ferħ ir-ruħ.

Għax dal-jum ta' festa kbira,
ta' dik l-ikla hu t-tifkira,
meta saret l-ewwel darba.

F'dina l-ikla s-Sultan tagħna,
l-Għid il-ġdid tal-liġi l-ġdida,
temm għal kollox l-Għid qadim.

*Lauda Sion Salvatorem,*
*lauda ducem et pastorem,*
*in hymnis et canticis.*

*Quantum potes, tantum aude:*
*quia maior omni laude,*
*nec laudare sufficis.*

*Laudis thema specialis,*
*panis vivus et vitalis*
*hodie proponitur.*

*Quem in sacrae mensa cenae,*
*turbae fratrum duodenae*
*datum non ambigitur.*

*Sit laus plena, sit sonora,*
*sit iucunda, sit decora*
*mentis iubilatio.*

*Dies enim sollemnis agitur,*
*in qua mensae prima recolitur*
*huius institutio.*

*In hac mensa novi Regis,*
*novum Pascha, novae legis,*
*phase vetus terminat.*

Il-qadim twarrab mill-ġdid,
dak li hu ġie flok ix-xbieha,
id-dawl biegħed dlam il-lejl.

*Vetustatem novitas,*
*umbram fugat veritas,*
*noctem lux eliminat.*

Dak li twettaq fl-aħħar ċena,
Kristu ried jibqa' jiġġedded,
biex ikun tifkira tiegħu.

*Quod in cena Christus gessit,*
*faciendum hoc expressit*
*in sui memoriam.*

Imgħallmin b'tagħlim imqaddes,
nibdlu l-ħobż u l-inbid tagħna
b'sagrifiċċju għas-saħħa tagħna.

*Docti sacris institutis,*
*panem, vinum in salutis*
*consecramus hostiam.*

Twemmin ġdid lilna l-insara,
li dal-ħobż jinbidel f'Ġisem,
u l-inbid jinbidel f'Demm.

*Dogma datur christianis,*
*quod in carnem transit panis,*
*et vinum in sanguinem.*

Dak li ma tarax jew tifhem,
it-twemmin isaħħu u jwettqu,
fuq kull ordni tan-natura.

*Quod non capis, quod non vides,*
*animosa firmat fides,*
*praeter rerum ordinem.*

Taħt xbihat fejn aħna nilmħu
mhux il-ħajja, imma sinjali,
jinħbew ħwejjeġ hekk għeżież.

*Sub diversis speciebus,*
*signis tantum et non rebus,*
*latent res eximiae.*

Ikel Ġismu, xorb hu Demmu;
iżda Kristu sħiħ hemm moħbi
taħt kull waħda mix-xbihat.

*Caro cibus, sanguis potus:*
*manet tamen Christus totus*
*sub utraque specie.*

Sħiħ jittiekel Kristu kollu,
bla jitkisser, bla jitfarrak,
bla jinqasam minn min jieħdu.

*A sumente non concisus,*
*non confractus, non divisus:*
*integer accipitur.*

Jieklu elf u jiekol wieħed,
kemm ħa dan, hekk jieħdu huma,
bla jintemm meta jittiekel.

*Sumit unus, sumunt mille:*
*quantum isti, tantum ille:*
*nec sumptus consumitur.*

Jieklu t-tajba, jieklu l-ħżiena;
imma 'l dawk iġib il-ħajja,
lil dawn jixħet fit-telfien.

*Sumunt boni, sumunt mali:*
*sorte tamen inaequali,*
*vitae vel interitus.*

Mewt għall-ħżiena, ħajja għat-tajba
ara kif jinbidel fihom,
għalkemm jieħdu l-istess ikel.

*Mors est malis, vita bonis:*
*vide paris sumptionis*
*quam sit dispar exitus.*

Meta l-Ostja tkun maqsuma,
la tibżax, imm'inti ftakar,
taħt ix-xbieha ta' kull farka
hemm jinsab daqs fl-Ostja sħiħa.

*Fracto demum sacramento,*
*ne vacilles, sed memento*
*tantum esse sub fragmento,*
*quantum toto tegitur.*

Ebda ksur ma jsir fi Kristu;
biss ix-xbieha tkun miksura:
u b'dal-ksur xejn ma jitnaqqas
f'Dak li hu taħt din ix-xbieha.

*Nulla rei fit scissura:*
*signi tantum fit fractura,*
*qua nec status, nec statura*
*signati minuitur.*

* * *

Dan ħobż l-anġli, magħmul ikel
għall-bnedmin fit-triq tal-ħajja,
ikel bnin għall-ulied kollha,
li m'għandux fix-xejn jintrema.

*Ecce panis angelorum,*
*factus cibus viatorum:*
*vere panis filiorum,*
*non mittendus canibus.*

Bi xbihat kien ilu mħabbar,
f'dik l-offerta ta' Iżakk,
fil-ħaruf li nqatel fl-Għid,
u fil-manna tad-deżert.

*In figuris praesignatur,*
*cum Isaac immolatur,*
*agnus Paschae deputatur,*
*datur manna patribus.*

Int ragħaj tajjeb, ħobż tassew,
Ġesù tagħna, ħenn għalina;
Int itmagħna u ħarisna:
Inti lilna l-ġid urina
fl-art imbierka tal-ħajjin.

*Bone pastor, panis vere,*
*Iesu, nostri miserere:*
*Tu nos pasce, nos tuere,*
*Tu nos bona fac videre*
*in terra viventium.*

Int li taf u tista' kollox,
li titmagħna hawn f'dil-ħajja,
hemm agħmilna lkoll imsieħba,
f'għaqda waħda lkoll werrieta
mal-qtajjiet tal-qaddisin.

*Tu qui cuncta scis et vales,*
*qui nos pascis hic mortales:*
*tuos ibi commensales,*
*coheredes et sodales*
*fac sanctorum civium.*

Amen. Hallelujah.

*Amen. Alleluia.*

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 6, 51

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema, jgħid il-Mulej;
jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb.***

Ġw 6, 51-58

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F’dak iż-żmien, Ġesù qal lin-nies: [51]«Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel
mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.
U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja.»

[52]Fuq hekk il-Lhud tlewmu bejniethom, u bdew jgħidu: «Kif jista’
dan jagħtina ġismu biex nikluh?» [53]Ġesù mela qalilhom: «Tassew,
tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta’ Bin il-bniedem u ma
tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. [54]Min jiekol ġismi u
jixrob demmi għandu l-ħajja ta’ dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet
fl-aħħar jum. [55]Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu
tassew xorb.

[56]Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa’ fija u jiena fih. [57]Bħalma
bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b’Missieri, hekk ukoll min
jiekol lili, hu wkoll jgħix bija. [58]Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema;
m’huwiex bħal dak li kielu missirjietkom u mietu; min jiekol dan
il-ħobż jgħix għal dejjem.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**Il-Ġimgħa fuq it-tieni Ħadd wara Għid il-Ħamsin**

# Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù

**Solennità**

## Qari I

***Il-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom.***

Dewt 7, 6-11

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

F'dak iż-żmien Mosè kellem lill-poplu u qal: 6«Inti poplu qaddis
għall-Mulej, Alla tiegħek; minn fost il-popli kollha li jinsabu fuq wiċċ
l-art, lilek għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex tkun il-poplu miksub
tiegħu.

7U l-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom, mhux għax kontu kbar
fil-għadd iżjed minn kull poplu ieħor, għax intom l-iċken fil-għadd
fost il-popli kollha, 8iżda l-Mulej għażilkom għax ħabbkom, u għax
ried iżomm il-ħalfa li ħalef lil missirijietkom; kien għalhekk li l-Mulej,
b'id qawwija, ħariġkom u fdiekom minn dar il-jasar, minn id
il-Fargħun, is-sultan ta' l-Eġittu. 9Agħraf, mela, li l-Mulej, Alla
tiegħek, hu Alla; Alla l-fidil, li jżomm għal elf nisel il-patt u
t-tjieba tiegħu ma' ħbiebu u ma' dawk li jħarsu l-kmandamenti
tiegħu; 10imma jitħallas f'wiċċhom stess mill-għedewwa tiegħu billi
jeqridhom; ma joqgħodx jitlajja ma' l-għadu tiegħu, imma f'wiċċu
jitħallas minnu.

11Ħares, mela, il-kmandamenti u l-liġijiet u d-digrieti li jiena llum
qiegħed nordnalek, biex tagħmel kif jgħidu huma.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.8.10

R/. (17): It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem

1 Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej!
B'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.
2 Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. R/.

3 Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
4 jifdi lil ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u bil-ħniena. R/.

6 Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
7 Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael. R/.

8 Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
10 Ma mexiex magħna skond ma ħaqqhom ħtijietna;
ma ħallasniex skond ma ħaqqha ħżunitna. R/.

# Qari II

***Alla ħabbna qabel ħabbejnieh aħna.***

1 Ġw 4, 7-16

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu**

7Għeżież, ejjew inħobbu lil xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u
kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. 8Dak li ma
jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba.

9B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu
l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih. 10U hawn qiegħda l-imħabba;
mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil
Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna.

11Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu
lil xulxin. 12Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma jekk inħobbu lil xulxin
hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina. 13B'hekk nafu
li aħna ngħammru fih u Hu fina, għax tana sehem mill-Ispirtu tiegħu.
14Aħna rajna, u nagħtu xhieda, li l-Missier bagħat lil Ibnu s-Salvatur
tad-dinja. 15Kull min jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, Alla jgħammar
fih u hu f'Alla. 16U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u
emminnieha.

Alla hu mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 11, 29ab

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni,
għax jiena ta' qalb ħelwa u umli.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Jiena ta' qalb ħelwa u umli.*

Mt 11, 25-30

✠ **Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

25 F'dak iż-żmien Ġesù qabad u qal: «Infaħħrek, Missier, Sid is-sema
u l-art, għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf
u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. 26 Iva, Missier, għax lilek hekk
għoġbok. 27 Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf
lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk
mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu.

28 Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena
nserraħkom. 29 Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni,
għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal
ruħkom. 30 Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu